MALTA

# QORTI KRIMINALI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Numru 13/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Salvatore sive Silvio Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 13 tas-sena 2000 kontra l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) fiz-Zejtun, fis-16 t'Awissu 1998 sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew persuni jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-

volonta’ tieghu, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe’ fiz-Zejtun fis-16 t’Awissu, 1998 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofs inhar (4.00 p.m.), dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Francesco Saverio Cassar jew li jqieghed il-hajja tieghu f’perikolu car, ikkagunalu l-mewt, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3) fis-16 t’Awissu tas-sena 1998, fiz-Zejtun sar hati ta’ tentattiv ta’ serq ta’ flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq il-persuna ta’ eta’ ta’ aktar minn hamsa u sittin sena, u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat), bil-lok (dar ta’ abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), u bil-valur (aktar minn elf lira), u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4) fis-16 t’Awissu 1998, fiz-Zejtun, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu, u dana skond ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza;

5) fil-gimghat ta’ qabel is-16 t’Awissu 1998, fiz-Zejtun kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-24 ta’ Mejju 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent ma jistghax jitqies legalment responsabbli ghar-reati addebiti lilu u dan minhabba demenzja a tenur ta’ l-artikolu 620 tal-Kodici Kriminali;

2. Illi subordinarjament u minghar pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi l-genn tieghu fiz-zmien tal-kawza skond l-artikolu 449 (1)(e) tal-Kodici Kriminali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' ta' l-Ewwel Kap stante li fil-parti akkuzatorja ma hemmx imsemmi fil-konfront ta' min, bl-isem jew ismijiet, kien dirett it-tentattiv ta' omicidju volontarju.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2001 li bih Dr. Jason Azzopardi ghall-akkuzat iddikjara illi l-akkuzat mhux qed jinsisti fuq l-allegazzjoni ta' genn waqt il-proceduri u qed jillimita ghalhekk din l-eccezzjoni tieghu ghall-allegazzjoni ta' genn waqt ir-reat.

Rat in-nota tal-istess akkuzat tal-25 ta' Novembru 2002, li biha b'riferenza ghall-verbal tat-8 ta' Mejju 2001, formalment ceda t-tieni eccezzjoni minnu sollevata b'dana li l-eccezzjoni tibqa' tregi biss ghaz-zmien ta' l-allegat reat.

Rat il-verdett tal-gurija tal-lum stess li bih b' seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu li l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion ma kienx fi stat ta' genn meta saru l-atti fil-hames Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara li l-akkuzat ma kienx fi stat ta' genn meta saru l-atti kollha imsemmija fil-hames Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Rat l-Artikoli :
17 (b), 20, 23, 31, 33 (a), 41 (1) (a), 211 (1) (2), 226A, 261 (a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 277, 278, 279, 280, 329, 330, 488, 533, 620 (1), 623, u 628 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13 (1), 19, 26, u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U in vista ta' dan tiddiferixxi l-kawza ghas-smigh u trattazzjoni dwar it-tielet eccezzjoni preliminari sollevta mill-akkuzat, bla data, b' dan li l-akkuzat jibqa' fl-istess posizzjoni li kien jinsab fiha sal-bierah fi-ghodu qabel ma beda l-gurin ghal dak li jirigwardja d-detenzjoni preventiva tieghu.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef
26-11-2002

John Farrugia
Deputat Registratur